**Diskors ta' l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, waqt Ikla Statali Ad Unur President Béji Caid Essebsi, 5 ta' Frar 2019**

**Eċċellenza President Béji Caid Essebsi**
**Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat**
**Mr Speaker**
**Is-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Joseph Azzopardi**
**Onorevoli Ministri**
**Onorevoli Segretarji Parlamentari**
**Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni**
**Onorevoli Membri tal-Parlament**
**Eċċellenzi**
**Mistednin distinti**

**Eċċellenza, President tar-Repubblika tat-Tunezija, nixtieq għal darb'oħra nagħti merħba lilek u lid-delegazzjoni tiegħek, għal din iż-Żjara Statali fil-Gżejjer Maltin.**

**Il-preżenza tiegħek f'Malta hija opportunità oħra biex li pajjiżi tagħna jkomplu jsaħħu l-ħbiberija eċċellenti ta' bejniethom.**

**Kien ta' pjaċir għalija li nkun fit-Tuneżija fuq żjara uffiċjali fl-2017, meta l-pajjiżi tagħna ċċelebraw il-ħamsin sena minn meta ġew stabbiliti r-relazzjonijiet diplomatiċi bejnietna.**

**Minbarra li saħħaħna r-relazzjonijiet politiċi bejn il-pajjiżi tagħna, iż-żjara tiegħi fit-Tunezija kienet opportunità biex insaħħu wkoll ir-relazzjonijiet soċjo-ekonomiċi bejn il-popli rispettivi tagħna.**

**Aħna żewġ nazzjonijiet b'identità qawwija Mediterranja, bi storja komuni. Minn dejjem, il-popli ta' Malta u t-Tuneżija kellhom relazzjonijiet tajbin u**

**b'saħħithom. Matul l-aħħar tas-seklu dsatax u l-ewwel parti tas-seklu għoxrin, kien hemm bosta Maltin li emigraw lejn it-Tuneżija.**

**Għalhekk, ir-relazzjonijiet tagħna mhumiex sempliċiment diplomatiċi jew ġeografiċi. Huma profondament kulturali, inkorporati fid-*DNA* tal-lingwa u l-identità tagħna.**

**Fil-fatt, l-eqdem kitba bil-Malti, il-"Kantilena", fiha diversi kliem u karatteristiċi etimoloġiċi li huma wżati b'mod distint fid-djalett Tuneżin.**

**Eċċellenza, President Essebsi**

**Għixna l-imgħoddi tagħna flimkien, u rridu nassiguraw li ngħixu l-futur flimkien ukoll. B'dan il-mod, aħna nistgħu niżguraw il-prosperità tal-pajjiżi tagħna u anke għar-Reġjun tal-Mediterran.**

**Malta m'hijiex biss membru ta' l-Unjoni Ewropea, u bieb għal suq enormi ta' ħames mitt miljun Ewropew, iżda hija wkoll membru tal-*Commonwealth*, li tiġbor flimkien tlieta u ħamsin pajjiż ieħor minn madwar id-dinja.**

**Nemmen li l-familja tan-nazzjonijiet Mediterranji għandhom ħafna x'joffru lid-dinja, f'dak li hu żvilupp tar-reġjun tagħna, bħala mudell ta' kollaborazzjoni u djalogu.**

**Iż-żewġ pajjiżi tagħna għandhom rwol attiv fl-Unjoni għall-Mediterran, kif ukoll parteċipanti qawwija fil-Forum Mediterranju tal-Punent, magħruf bħala l-5 + 5, li għadu kif iltaqa' ftit ġimgħat ilu, f'Malta.**

**Biex din il-viżjoni ta' kollaborazzjoni u djalogu ssir realtà, irridu nindirizzaw it-tħassib u l-kunflitti reġjonali, billi naħdmu flimkien, biex insegwu l-ġid komuni tal-popli diversi tagħna.**

**L-iskambji kontinwi u numerużi ta' livell għoli jagħtuni serħan tal-moħħ, li qed noħolqu mudell ta' djalogu kontinwu, bejn il-pajjiżi li għandhom l-istess valuri u aspirazzjonijiet.**

**Eċċellenza,**

**B'sodisfazzjon ninnota li l-kooperazzjoni fuq livell governattiv, kif ukoll il-kollaborazzjoni bejn entitajiet privati u entitajiet mhux governattivi, bejn Malta u t-Tuneżija, intensifikaw ukoll.**

**Għal dawn ir-raġunijiet, jiena konvinta li l-pożizzjonijiet ġeo-strateġiċi rispettivi tagħna qed jiġu esplorati b'mod pożittiv, biex jippermettu aktar il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet tagħna, il-komunitajiet tan-negozju tagħna, u *stakeholders* oħra.**

**Nagħmel kuraġġ meta nara l-interess kbir muri mill-intraprendituri taż-żewġ pajjiżi tagħna, li ltaqgħu matul diversi fora tan-negozju li saru kemm fit-Tuneżija kif ukoll aktar kmieni illum f'Malta .**

**Nawgura li x-xogħol li qed isir mill-Kummissjoni Konġunta Malta-Tuneżija ser jwassal għal aktar sinerġiji f'għadd ta' oqsma differenti, biex nilħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u prosperità inklużiva.**

**Jiena konvinta li l-ħbiberija bejn il-pajjiżi u l-popli tagħna se tkompli tikber fil-ġejjieni, għax iż-żewġ naħat huma impenjati bi-sħiħ għall-paċi sostenibbli u l-prosperità inklussiva.**

**Impenn bħal dan huwa rifless b'mod ċar fil-Konferenza dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, li ser tiġi organizzata b'kollaborazzjoni bejn l-Akkademja Mediterranja għall-Istudji Diplomatiċi, fl-Università ta' Malta, l-Ambaxxata Tuneżina f'Malta u l-Uffiċċju tiegħi.**

**Din il-konferenza se tkun opportunità oħra għall-pajjiżi tagħna biex jikkonsolidaw il-valuri komuni ta' ugwaljanza u ġustizzja soċjali.**

**Eċċellenza, President Essebsi,**

**Ninsab fiduċjuża li l-ħbiberija b'saħħitha bejn Malta u t-Tuneżija għandha tkompli tiffjorixxi u tikber, għal ħafna snin li ġejjin.**

**Nawgura li l-ħbiberija bejn il-popli tagħna tkun dejjem sors ta' paċi sostenibbli u ta' prosperità inklussiva, għall-benefiċċju kemm tal-popli tagħna illum, kif ukoll tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.**

**Għaldaqstant, nistieden lil kullħadd biex nixorbu bis-saħħa ta' l-Eċċellenza President tar-Repubblika tat-Tunezija u bis-saħħa ta' l-ħbiberija dejjiema bejn il-Popli ta' Malta u tat-Tunezija.**